Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1422

30.6.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1422

tal-25 ta' Ġunju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward tar-regoli proċedurali li jikkonċernaw il-prova tal-oriġini mhux preferenzjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 63 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1269 ([2]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([3]) jistabbilixxu s-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN), li tippermetti lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet tal-ħruġ fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi jiskambjaw sett ta' dokumenti b'mod elettroniku, inklużi ċ-ċertifikati tal-oriġini għall-merkanzija li tkun soġġetta għal arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, fl-Anness XIV.8 tiegħu, jistabbilixxi l-informazzjoni speċifika li l-awtoritajiet tal-ħruġ ta' pajjiżi terzi jridu jipprovdu meta joħorġu ċertifikati tal-oriġini għal prodotti agrikoli rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni skont il-kwoti tariffarji.

(3) Matul il-perjodi tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, iċ-ċertifikati tal-oriġini jistgħu jinħarġu barra mill-ELAN. Matul dawk il-perjodi tranżizzjonali, il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jkomplu jibagħtu lill-Kummissjoni kampjuni tat-timbri ta' dawk iċ-ċertifikati.

(4) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-iskambju elettroniku ta' informazzjoni previst fir-Regolament Delegat (UE) 2025/1269 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 ([4]), jenħtieġ li l-Artikoli 57, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([5]), li jistabbilixxu regoli proċedurali għall-forniment u l-verifika ta' provi tal-oriġini mhux preferenzjali, jiġu emendati biex jipprevedu l-użu u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-oriġini elettroniċi u biex jimmodifikaw il-verifika sussegwenti mwettqa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

(5) Sakemm isir l-użu obbligatorju tal-ELAN mid-data stabbilita fl-Artikolu 72c tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, jitqies xieraq li jiġi permess l-użu ta' ċertifikati elettroniċi ta' oriġini mhux preferenzjali maħruġa minn pajjiżi terzi dment li l-awtentiċità tagħhom tkun tista' tiġi vverifikata. Dawk iċ-ċertifikati elettroniċi jenħtieġ li jkollhom ukoll marki ta' awtentiċità xierqa biex jiġu minimizzati t-tentattivi ta' frodi.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1269 tas-6 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN) għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kummerċ u s-suq fi prodotti agrikoli (ĠU L, 2025/1269, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1269/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1272 tas-6 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN) (ĠU L, 2025/1272, 10.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1272/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

(6) Sabiex jiġu pprovduti ċarezza u ċertezza għall-operaturi u biex tiġi żgurata r-responsabbiltà tal-atturi rilevanti, huwa xieraq li jiġi emendat it-test ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 biex jiġu speċifikati l-atturi involuti fil-proċessi.

(7) Meta jintużaw regoli tal-oriġini mhux preferenzjali għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2026/1455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), il-prova tal-oriġini jenħtieġ li tissaħħaħ biex jittaffa r-riskju ta' ċirkomvenzjoni. Għal dak l-għan, bħala parti mill-prova tal-oriġini tal-merkanzija, jenħtieġ li d-dikjarant jipprovdi evidenza li l-merkanzija ġiet ittrasportata direttament mill-pajjiż ta' oriġini ddikjarat u, jekk tkun intbagħtet minn pajjiż terz, li ma kienet soġġetta għall-ebda bidla wara li ġiet esportata mill-pajjiż ta' oriġini.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jiġi emendat kif xieraq.

(9) Fid-dawl tal-adozzjoni li jmiss tar-Regolament (UE) 2026/1455 u sabiex l-emendi previsti f'dan ir-Regolament jiġu applikati malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Ċertifikat tal-oriġini relatat ma' prodotti li joriġinaw f'pajjiż terz li għalihom huma stabbiliti arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali għandu, meta dawk l-arranġamenti jirreferu għal dan l-Artikolu, isir disponibbli fis-sistema elettronika għall-formalitajiet agrikoli mhux doganali (ELAN) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XIV.8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 (*).

Referenzi f'arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali għal ċertifikati tal-oriġini maħruġa f'konformità mal-Artikoli 55 sa 65 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandhom jitqiesu bħala referenzi għaċ-ċertifikati tal-oriġini msemmija f'dan l-Artikolu.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz fejn joriġinaw il-prodotti li japplikaw għalihom l-arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali jew aġenzija affidabbli debitament awtorizzata minn dawk l-awtoritajiet għal dak il-għan ("awtoritajiet tal-ħruġ"), għandhom joħorġu ċertifikati tal-oriġini, sakemm l-oriġini tal-prodotti tkun ġiet iddeterminata f'konformità mal-Artikolu 60 tal-Kodiċi.

3. L-awtoritajiet tal-ħruġ għandhom joħorġu ċertifikati tal-oriġini qabel il-prodotti li huma relatati magħhom jiġu ddikjarati għall-esportazzjoni fil-pajjiż terz ta' oriġini.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, l-awtoritajiet tal-ħruġ jistgħu joħorġu ċertifikat ta' oriġini wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkunu relatati magħhom meta n-nuqqas ta' ħruġ tagħhom fil-mument tal-esportazzjoni kien ir-riżultat ta' żball, ommissjoni involontarja jew ċirkostanzi speċjali.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2026/1455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2026 dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L, 2026/1455, 30.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1455/oj).

L-awtoritajiet tal-ħruġ ma jistgħux joħorġu retrospettivament ċertifikat ta' oriġini previst fil-paragrafu 1 sakemm ma jkunux sodisfatti li d-dettalji fl-applikazzjoni tal-esportatur jikkorrispondu ma' dawk fil-fajl rilevanti ta' esportazzjoni.;

_____

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Matul il-perjodi tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, ċertifikat tal-oriġini relatat ma' prodotti li joriġinaw f'pajjiż terz li għalihom huma stabbiliti arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali jista', meta dawk l-arranġamenti jirreferu għal dan l-Artikolu, jinħareġ bl-użu ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-formola stabbilita fl-Anness 22–14 ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fih;

(b) il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 (*);

(c) il-formula stabbilita fl-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

Meta ċ-ċertifikati tal-oriġini li jużaw il-formola stabbilita fl-Anness 22–14 ta' dan ir-Regolament jinħarġu b'mod elettroniku jew jiġu ffirmati permezz ta' firma elettronika, dawn għandu jkun fihom id-dettalji ta' dik il-formola, inklużi t-timbru u l-firma.

L-awtoritajiet tal-ħruġ għandhom iżommu kopja ta' kull ċertifikat ta' oriġini maħruġ.

_____

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).";

(2) L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet tal-ħruġ;";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Matul il-perjodi tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, il-pajjiżi terzi inkwistjoni għandhom jibagħtu wkoll lill-Kummissjoni:

(a) kampjuni tat-timbri użati mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi bl-użu tal-formula stabbilita fl-Anness 22–14 ta' dan ir-Regolament;

(b) fejn disponibbli, l-informazzjoni dwar fejn l-awtentiċità ta' ċertifikat tal-oriġini maħruġ b'mod elettroniku jew iffirmat permezz ta' firma elettronika bl-użu tal-formula stabbilita fl-Anness 22–14 ta' dan ir-Regolament tista' tiġi vverifikata bl-użu ta' bażi tad-data online.

Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-informazzjoni speċifikata f'dan il-paragrafu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta pajjiż terz ma jibgħatx l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1 u 1a lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni għandhom jirrifjutaw l-użu tal-arranġamenti speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali.";

(3) L-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom dubji raġonevoli dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni f'ċertifikat ta' oriġini u meta jwettqu verifiki sussegwenti każwali, huma għandhom jitolbu lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 58(1), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament biex jivverifikaw jekk l-oriġini ddikjarata kinitx stabbilita b'mod korrett u f'konformità mal-Artikolu 60 tal-Kodiċi.";

(ii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Meta, matul il-perjodi tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, l-awtoritajiet doganali jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' ċertifikat tal-oriġini, huma għandhom jitolbu lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 58(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament jew lill-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji li jistampaw dak iċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 72b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 biex jivverifikaw jekk dak iċ-ċertifikat tal-oriġini huwiex awtentiku.";

(iii) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet doganali għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' oriġini jew kopja tiegħu lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 58(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament. Jekk fattura tkun akkumpanjat id-dikjarazzjoni, il-fattura oriġinali jew kopja tagħha għandha tkun mehmuża maċ-ċertifikat ta' oriġini ritornat.

L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għall-verifika sussegwenti u jipprovdu kwalunkwe informazzjoni fil-pussess tagħhom li tissuġġerixxi li d-dettalji mogħtija fuq iċ-ċertifikat ta' oriġini mhumiex akkurati.";

(iv) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-awtoritajiet doganali jitolbu l-verifika tal-awtentiċità ta' ċertifikat tal-oriġini, huma għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni fil-pussess tagħhom li tissuġġerixxi li ċ-ċertifikat tal-oriġini mhuwiex awtentiku.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorità msemmija fl-Artikolu 58(1), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament jew l-awtorità li toħroġ il-liċenzji msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, ta'dan l-Artikolu għandha tikkomunika r-riżultati tal-verifika lill-awtoritajiet doganali malajr kemm jista' jkun.

Meta ma jkun hemm ebda risposta fi żmien 6 xhur wara li tintbagħat talba f'konformità mal-paragrafu 2, l-awtoritajiet doganali għandhom jirrifjutaw li jużaw l-arranġament speċjali ta' importazzjoni mhux preferenzjali għall-prodotti inkwistjoni.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 59a li ġej:

"*Artikolu 59a*

Prova tal-oriġini għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2026/1455

(l-Artikolu 61 tal-Kodiċi)

Meta jintużaw regoli tal-oriġini mhux preferenzjali għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2026/1455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), il-prova tal-oriġini mhux preferenzjali għandha tinkludi wkoll evidenza li turi li l-oġġetti ġew ittrasportati direttament mill-pajjiż tal-oriġini lejn l-Unjoni, jew baqgħu taħt superviżjoni doganali matul it-trasport tagħhom minn pajjiżi oħra, jew meta nħażnu jew inqasmu f'dawk il-pajjiżi, l-oġġetti ma saritilhom l-ebda bidla għajr biex jiġu ppreservati f'kundizzjoni tajba jew billi jiżdiedu jew jitwaħħlu marki, tikketti, siġilli jew kwalunkwe dokumentazzjoni biex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżiti speċifiċi.

(*) Ir-Regolament (UE) 2026/1455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2026 dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L, 2026/1455, 30.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1455/oj).";

(5) L-Anness 22–14 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness 22-14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ċ-ċertifikati ta' oriġini jinħarġu f'forma stampata, dawn għandhom ikunu ta' daqs ta' 210 × 297 mm; hija permessa tolleranza sa 8 mm aktar jew 5 mm anqas fit-tul. Il-karta użata għandha tkun bajda, ma jkunx fiha polpa mekkanika, u għandha tkun tiżen mhux anqas minn 40 g/m^2. Il-faċċata tal-oriġinali għandha jkollha sfond stampat b'disinn isfar guilloche li jagħmel kwalunkwe falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi tidher mal-ewwel daqqa ta' għajn.

Meta ċ-ċertifikati tal-oriġini fil-forma stabbilita f'dan l-Anness jinħarġu b'mod elettroniku jew jiġu ffirmati permezz ta' firma elettronika, dawn għandu jkollhom marki tal-awtentiċità użati mill-pajjiż terz rispettiv.".